MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Numru. 92/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Frank A.Tabone)
**vs.**
**Anton Cassar**
**Annabelle Camilleri Monreal**

Kumpilazzjoni Numru: 92/2011

**Illum 4 ta' Dicembru 2012**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Anton Cassar** ta' hamsin (50) sena, iben Anthony u Josephine nee' Caruana, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar id-29 ta' Lulju 1961, residenti fil-fond Pergola Farmhouse, Triq Pergola, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 36061G u fil-konfront ta' **Annabelle Camilleri Monreal** ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, bint Martin

Monreal u Rose Mary nee' Busuttil, imwielda Pieta' Malta, nhar it-18 ta' Mejju 1985, residenti fil-fond Pergola Farmhouse, Triq Pergola, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 311185M, akkuzati talli nhar il-25 ta' Mejju 2011, gewwa diversi postijiet f'Ghawdex, f'hinijiet differenti:

1. Sabiex jiksbu xi beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz billi ghamlu uzu min numru tar-registrazzjoni ta' vettura jaqra NER 046;

2. Talli fl-istess, data hin, lok u cirkostanzi ghamlu uzu min numri ta' identifikazzjoni xort' ohra minn dawk moghtija mill-Awtorita' Kompetenti fuq vettura bil-mutur u cioe' ghamlu uzu minn numru tar-registrazzjoni jaqraw NER 046;

**Anton Cassar** wahdu:
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Porsche Cayenne minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

**Annabelle Camilleri Monreal** wahidha;
4. Talli saret recediva b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. A.Vella LL.D.) datata 29 ta' Jannar 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra jew mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li z-zewg imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Semghet il-provi tal-Prosekuzzjoni.

[1] *A fol.* 30.
[2] *A fol.* 31 u 32.

Semghet lid-difiza tiddikjara li z-zewg imputati ma kienux ser jixhdu u li ma kellhomx provi xi jressqu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Jirrizulta li kien dahal rapport anonimu lill-Pulizija li l-imputat Cassar kien qed jaghmel uzu minn vettura b'numru ta' registrazzjoni ta' vettura ohra. Jirrizulta wkoll li l-Pulizija rnexxielhom jintercettaw lill-imputat Cassar u sabu li fil-25 ta' Mejju 2011 l-imputat kien gie intercettat li kien instab proprju fuq il-vettura li fuqha kellha n-*number plates* NER 046 li jirrizulta li filfatt dawn in-numri ma kienux jappartjenu lil dik il-vettura pero' lil vettura ohra.

Fl-istqarrija[3] rilaxxata mill-imputata, l-imputata tghid illi hi kienet qalghet il-pjanci bin-numru tar-registrazzjoni NER 046 illi huma pjanci ta' vettura rregistrata fuqha, liema vettura hija dik tal-ghamla Fiat Uno u wara qalet li dawn il-pjanci poggiethom fil-*box room* u halliethom hemm u li jumejn qabel il-25 ta' Mejju kienu xtraw zewg muturi lit-tfal u gratilhom il-hsara u riedu jmorru jsewwuh. Tispjega li l-imputat qabad il-pjanci li kienu fil-*box room* u dan ghar-raguni li l-vettura Porsche kienet ghadha ma tistax tigi rregistrata mat-Transport Malta ghax kien hemm xi problema fuq ix-*chassis number* u sussegwentement l-imputat qabad u wahhal dawn il-pjanci biex jinqeda kemm iwassal il-mutur ghat-tiswija u jerga' jigi lura d-dar.

Fl-istqarrija[4] rilaxxata minnu, l-imputat jghid li l-pjanci bin-numru tar-registrazzjoni NER 046 kienu d-dar u kien uzhom fuq il-Porsche biex jiehu l-muturi tat-tifel ghat-tiswija l-Fontana. Meta mistoqsi jghid fuq liema vettura kienu registrati dawn il-pjanci, huwa wiegeb li dawn kienu registrati fuq il-*partner* tieghu, cioé l-imputata. L-imputat jispjega wkoll li hekk kif hareg mid-dar u mar lejn Marsalforn biex jerga' jitla lejn il-Fontana waqqfuh il-

[3] *A fol.* 38 *et seq.*
[4] *A fol.* 41 *et seq.*

Pulizija tat-traffiku li talbuh il-*log book* u wara gie eskortat biex ipoggi l-Porsche fil-*garage*.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi ufficjali tal-Pulizija li xehdu in sostenn ta' dak illi gara fil-25 ta' Mejju 2011 u giet mressqa wkoll rapprezentanta tat-Transport Malta, cioé Nadia Gatt li xehdet fis-seduta tat-22 ta' Frar 2012[5]. Din qalet li l-vettura numru NER 046 hija vettura Fiat Uno ta' kulur kannella u li qieghda f'isem l-imputata u li l-licenzja ta' din il-vettura ghalqet fit-28 ta' Frar 2011. Tghid ukoll li giet msejha biex tixhed fuq ix-*chassis number* WP1ZZZ9PZ4LA47465 u tghid illi s-sistema ma tellghetx dan in-numru fis-sens li dan ma kienx irregistrat maghhom.

Jirrizulta mix-xhieda moghtija minn PS 1424 Mario Sciberras[6] li dan ha xi ritratti li ezebixxa waqt id-deposizzjoni tieghu, tant illi qal li wiehed mir-ritratti li ezebixxa (li jirrizulta li huwa Dok. "MX 3") juri x-*chassis number* tal-vettura li giet mwaqqfa, cioé tal-Porsche misjuqa mill-imputat.

**Ikkunsidrat**

<u>Imputazzjoni Numru "1"</u>
Illi z-zewg imputati huma akkuzati bl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie trattat mill-konsulent legali tal-imputati fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2012[7] u ghal dak li gie ddikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2012 rigward l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputati.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fl-4 ta' Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton Vassallo**. It-tieni imputazzjoni fil-kawza imsemmija kienet identika ghall-ewwel imputazzjoni fil-kawza odjerna. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti xi tghid:

---

[5] *A fol.* 43 *et seq.*
[6] *A fol.* 45 *et seq.*
[7] *A fol.* 60 *et seq.*

"Din il-Qorti ma tistax ma tosservax, pero` – ghalkemm m'hemmx aggravju dwaru izda jista' jinfluwixxi fuq il-piena u ghalhekk dan il-punt qed jitqajjem *ex officio* – illi proprjament l-appellant ma kellux jinstab hati dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: **"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II* (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin *"non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"*.**

**Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar**

**temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc.”**

Fil-kaz in ezami, kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant ma kien mitlub qatt jaghmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jaghti taghrif f’dokument mahsub ghal awtorita` pubblika. Kwantu mbaghad it-tielet imputazzjoni, minn imkien ma jirrizulta illi n-*number plates* kienu ffalsifikati (ara wkoll fl-istess sens Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Elton George Spiteri**, 23 ta’ Marzu 2007).

In segwitu ta’ dak li ntqal fis-sentenza u mill-assiem tal-provi prodotti f’dawn il-proceduri, ma jirrizultax li l-imputati ghandhom b’xi mod jigu misjuba hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u dan peress li din l-imputazzjoni ma tirrizultax.

Imputazzjoni Numru “2”

Illi t-tieni imputazzjoni tirrigwardja wkoll liz-zewg imputati. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputata b’xi mod ghamlet uzu minn numru ta’ identifikazzjoni b’xorta ohra minn dawk moghtija mill-awtorita’ kompetenti fuq vettura bin-numru NER 046 u ghaldaqstant l-imputata ghandha tigi liberata mit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi, fir-rigward tal-imputat Anton Cassar, il-Qorti tirrileva li meta sar l-ezami[8] tal-imputat Anton Cassar, l-imputat kien wiegeb li huwa kien hati tat-tieni imputazzjoni. Tali ammissjoni giet konfermata wkoll fit-trattazzjoni tal-konsulent legali tal-imputat meta saret riferenza ghall-imputat Anton Cassar. Apparti minn dan, jirrizulta sodisfacentement mill-provi prodotti li t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi misjub hati taghha.

Imputazzjoni Numru “3”

Illi huwa l-imputat Cassar biss li huwa akkuzat b’din l-imputazzjoni. Fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni, cioé li l-imputat saq vettura Porsche minghajr ma’ din kienet

---

[8] *A fol.* 31.

koperta b’polza ta’ assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni, jirrizulta mill-provi prodotti, li effettivament il-vettura Porsche mhux talli ma kinietx registrata mat-Transport Malta talli wkoll ma tresqitx prova li effettivament din il-vettura kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi misjub hati ta’ tali imputazzjoni.

Imputazzjoni Numru “4”

Illi r-raba’imputazzjoni tirrigwardja biss lill-imputata Camilleri Monreal fejn giet addebitata bl-imputazzjoni tar-ricediva. Il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghal dak li kellha xi tghid id-difiza dwar din l-imputazzjoni fis-seduta tas-16 ta’ Mejju 2012[9], taghmel riferenza wkoll ghal dak li qal l-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2012 rigward l-istess imputazzjoni. Apparti dan, il-Qorti ma jirrizultalhiex li effettivament l-imputazzjoni tar-recidiva giet pruvata u dan peress li s-sentenza li giet addebitata lill-imputata tirrigwarda *conditional discharge* moghtija fid-29 ta’ Jannar 2012 li m’ghandiex tigi ikkunsidrata ghal fini tar-ricediva u ghaldaqstant l-imputata ghandha tigi liberata minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata, cioé dawk bin-numri “1”, “2”, u “4”, dawn ma gewx pruvati fil-konfront tal-imputata u ghaldaqstant l-imputata ghandha tigi liberata minnhom.

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li l-imputat gie addebitat bl-imputazzjonijiet bin-numri “1”, “2” u “3”, u ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, l-imputat ghandu jigi liberat mill-imputazzjoni numru “1” pero ghandu jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet bin-numri “2” u “3”.

Illi, ghar-rigward tal-piena li ghandha tigi inflitta fil-konfront tal-imputat Anton Cassar il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reati

9 *A fol.* 60.

addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, u kif ukoll il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, in segwitu tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, filwaqt li tillibera lill-imputata Annabelle Camilleri Monreal mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, tillibera lill-imputat Anton Cassar mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li rat Artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2)(a), 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundanah multa komplessiva ta’ tlitt elef Euro (€ 3000.00) u tordna li l-imputat Anton Cassar jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta’ tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------